MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Appell Civili Numru. 39/1992/1

**Emmanuel Buttigieg fil-kwalita` tieghu ta’ mandatarju ta’ l-assenti Carmel sive Charles Formosa, Joseph Mizzi, Ann Morley, Dolora Blain, Lawrence Mizzi u Joseph Michael Mizzi**

**Vs**

**Anthony Cauchi kemm f’ismu proprju kif ukoll bhala mandatarju ta’ l-assenti Salvu Cauchi; Emmanuel Cauchi bhala mandatarju ta’ l-imsefrin Elisabeth mart Joseph Mizzi u Maria Assunta mart Saviour Debrincat; Joseph Cauchi; Raymond Cauchi; u Dolores armla ta’**

**George Attard u b'digriet tat-2 ta' Dicembru, 1998, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Anthony Cauchi u martu Margaret Cauchi stante il-mewt ta' Dolores Attard**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**
**IC-CITAZZJONI TA' L-ATTURI**

1. B'citazzjoni pprezentata fil-25 ta' Marzu, 1992, quddiem il-Qorti tal-Magistratri (Ghawdex) Superjuri Civili, l-atturi ppremettew illi fl-14 ta' Awissu, 1921, mietet Marianna mart Casimiro Mizzi bint Luigi Micallef u Annunziata nee Camilleri (Dok A); u

Illi fil-11 ta' April, 1940, miet l-imsemmi Casimiro maghruf bhala Gusman Mizzi bin Paolo u Theresa nee Vella li rregola is-successjoni tieghu permess ta' zewg testmenti tal-11 ta' Settembru, 1993, u tat-12 ta' Settembru, 1993, fl-atti tan-Nutar Giuseppe Camilleri (Dok B, C u D); u

Illi l-imsemmija konjugi Mizzi, wirtuhom is-seba' uliedhom u cioe` Theresa mart Joseph Formosa, Joseph, Luigi, Annunziata xebba, Dolores mart George Attard, Paul u Lawrence; u

Illi 'l fuq imsemmi Joseph Mizzi miet minghajr testment u minghajr ulied fit-3 ta' Ottubru, 1959, u l-wirt tieghu iddevolva skond l-Ligi favur hutu l-ohra fi kwoti ndaqs u indivizi bejniethom; u

Illi fl-20 ta' Frar, 1962, mietet Annunziata xebba Mizzi li rregolata is-successjoni taghha permezz ta' testment tal-25 ta' Novembru, 1960, fl-atti tan-Nutar John Busuttil li permezz tieghu hatret biss uzufruttwarji izda ma nnominatx eredi u ghalhekk il-wirt taghha iddevolva favur hutha l-ohra Theresa, Luigi, Dolores, Paul u Lawrence; (Dok F u G); u

Illi fil-15 ta' Ottubru, 1984, miet fl-Gharb Ghawdex, l-imsemmi Luigi Mizzi li rregola s-successjoni tieghu permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Giuseppe Cauchi tat-23 ta' Jannar, 1974, li permezz tieghu huwa innomina bhala eredi universali tieghu lill-ohtu Dolores Attard (Dok H u I); u

Illi fit-18 ta' Lulju, 1955, miet l-imsemmi Paul Mizzi u wirtuh uliedu Lawrence u Joseph Michael (Dok j); u

Illi fis-27 ta' Frar, 1955, mietet Theresa Formosa li wirtuha uliedha l-atturi Carmel Formosa, u ohtu Maria mart Emmanuel Cauchi li mietet fil-21 ta' Jannar 1985 u l-wirt taghha ddevolva favur uliedha l-konvenuti Anthony, Salvu, Elizabeth, Maria Assunta, Joseph, Raymond u Dolores, ahwa Cauchi, bejniethom (Dok K); u

Illi fit-23 ta' Awissu, 1975, miet Lawrence Mizzi li wirtuh uliedu l-atturi Joseph Paul, Annie Morley, u Dolores Blain (Dok L); u

Illi in segwitu ghal dan, l-atturi (minkejja xi divizjonijiet parzjali), qeghdin jippossjedu flimkien mal-konvenuti, diversi beni mmobbli; u
Illi huma ma jridux jibqghu aktar f'dan l-istat ta' komunjoni.

Talbu lil dik il-Qorti sabiex:-
(I) Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti gia` ezistenti bejn l-imsemmija Gusman u Marianna konjugi Mizzi, billi jigi dikjarat illi din kienet tikkonsisti f'dawk il-beni u sostanzi li jirrizultaw fil-kors tal-kawza.

(II) Tillikwida l-assi partikolari tal-mejta Marianna Mizzi, billi jigi dikjarat illi din kienet tikkonsisti f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata u fil-beni u sostanzi li jirrizultaw fil-kors tal-kawza.

(III) Tillikwida l-assi partikolari ta' Gusman Mizzi, billi jigi dikjarat illi din kienet tikkonsisti f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata u fil-beni u sostanzi li jirrizultaw fil-kors tal-kawza.

(IV) Taqsam u tiddevidi l-assi partikolari tal-mejta Marianna Mizzi f'seba' porzjonijiet li tigi assenjata wahda kull wiehed lill-wirtijiet ta' wliedha jigifieri Theresa Formosa, Joseph, Luigi, Annunziata xebba, Paul u Lawrence kif irrapprezentati mill-eredi rispettivi taghhom u lill-konvenuta Dolores mart George Attard.

(V) Taqsam u tiddevidi l-assi partikolari tal-mejjet Gusman Mizzi f'seba' porzjonijiet li jigi tigi assenjata wahda kull wiehed lill-wirtijiet ta' wliedu, igifieri Theresa Formosa, Joseph, Luigi, Annunziata xebba, Paul u Lawrence kif irrapprezentati mill-eredi rispettivi taghhom u lill-konvenuta Dolores mart George Attard.

(VI) Tillikwida l-wirt ta' Joseph Mizzi billi jigi dikjarat li jikkonsisti f'dawk il-beni u sostanzi (fosthom is-sehem tieghu mill-wirtijiet tal-genituri) li jirrizultaw fil-kors tal-kawza.

(VII) Taqsam il-wirt f'sitt porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda lill-konvenuta Dolores Attard u ohra kull wiehed lill-ereditajiet ta' Theresa Formosa, Luigi Mizzi, Annunziata Mizzi, Paul Mizzi u Lawrence Mizzi kif rapprezentati mill-eredi rispettivi taghhom.

(VIII) Tillikwida l-wirt ta' Annunziata Mizzi billi jigi dikjarat li jikkonsisti f'dawk il-beni u sostanzi li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

(IX) Taqsam dan il-wirt f'hames porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda lil Dolores Attard u ohra kull wiehed lill-ereditajiet ta' Theresa Formosa, Luigi Mizzi, Annunziata Mizzi, Paul Mizzi u Lawrence Mizzi kif rappresentati mill-eredi rispettivi taghhom.

(X) Tillikwida l-wirt ta' Theresa Formosa billi jigi dikjarat li jikkonsisti f'dawk il-beni u sostanzi li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

(XI) Taqsam dan il-wirt f'zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda lill-attur Carmel Formosa u ohra lill-eredi ta' Maria Cauchi u cioe` l-konvenuti Anthony, Salvu,

Elizabeth, Maria Assunta, Joseph, Raymond u Dolores ahwa Cauchi bejniethom.

(XII) Tahtar Nutar pubbliku sabiex jippubblika l-att ta' qasma opportun f'data, hin u lok li jigi iffissat mill-Qorti bl-intervent ta' kuraturi deputati li jinhatru sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq dan l-att.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI</u>**

Il-konvenuti eccepew illi:-

(I) Illi d-domandi attrici enumerati bin-numri 1 sa 5 huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi; mentri t-talbiet numri sitta u sebgha ma ghandhomx jigu akkolti biss limitatament ghall-assi illi Joseph Mizzi kellu di proprio u mhux ukoll ghas-sehem tieghu mill-wirtijiet tal-genituri tieghu; filwaqt illi t-talbiet numri tmienja u disa (8 u 9) ghandhomx jigu akkolti wkoll limitatament ghall-assi illi Annunziata Mizzi kellha di proprio u mhux ukoll ghas-sehem taghha mill-wirtijiet tal-genituri taghha; u fi kwalunkwe kaz dawn l-assi ta' Annunziata Mizzi di proprio ghandhom dejjem jibqghu soggetti ghall-uzufrutt illi l-konvenuta Dolores Attard tgawdi fuq il-wirt ta' ohtha a tenur tat-testment ta' l-istess Annunziata Mizzi; <u>dan kollu ghar-ragunijiet spjegati ahjar fid-dikjarazzjoni tal-fatti akkompanjanti din in-nota ta' l-eccezzjonijiet;</u>

(II) Illi stante illi l-eccipjenti kienu dejjem pronti illi jersqu ghad-divizjoni ta' l-assi illi realment hemm in divizjoni, (kif jirrizulta mill-ittra ufficjali responsiva ta' Frar, 1991) l-esponenti ma ghandhom ibatu ebda parti mill-ispejjez ta' din il-kawza.

(III) Illi fid-dikjarazzjoni tal-fatti taghhom, l-esponenti spjegaw illi l-beni kollha appartenenti lill-assi tal-konjugi Mizzi u illi kienu jinsabu ghad-divizjoni bejn dawn is-sebat ulied gew ilkoll divizi bis-sahha ta' kuntratt ta' divizjoni fl-atti tan-Nutar Antonio Galea tal-wiehed (1) ta' Settembru, 1941 (elf disa' mija wiehed u erbghin), illi ghalih kienu ippartecipaw is-sebat ulied kollha Maria Dolores Attard;

Theresa Formosa; Annunziata xebba Mizzi; Luigi Mizzi; Giuseppe Mizzi; Paolo Mizzi u Lorenzo Mizzi.

(IV) Illi inoltre Casimiro sive Gusmano Mizzi kien proprjetarju ta' xi beni immobbli ohra (deskritti aktar 'il quddiem f'dan l-istess paragrafu) izda bis-sahha tat-tieni artikolu tat-testment tieghu tal-11 ta' Settembru, 1993, li gie esebit mill-atturi bhala Dok. D, dan kien ordna kif gej:

"Lascia a Giuseppe Mizzi, Luigi Mizzi ed Annunziata Mizzi, nubile, di lui figli, il luogo di case con mandretta congiunta della capacita` di circa cinque mondelli, situato nel Casale San Lorenzo, in strada Wied Merill, segnato col number quindici, soggetto all'annuo canone perpetuo di soldi dieci: tutto cio` che all'epoca della morte di esso testatore esistera` entro il detto luogo di case "a limine intus" di qualsiasi consistenza, tutto compreso nulla eccettuato, e quindi inchiusi il denaro, gli oggetti di metallo prezioso e le carte e documenti rappresentanti denaro che talvolta a quell'epoca vi esistessero , e la camera esistente alla Baja Kawra soggetta allo annuo canone perpetuo di soldi sei, con tutto cio` che alla morte del testatore si trovera` entro la stessa. Da aversi e possedersi in piena proprieta` dai predetti tre germani Mizzi in parti uguali alla morte di detto loro padre, col diritto di accrescimento tra di loro, per cui, in caso di premorienza al testatore di qualunque dei detti tre legatari, la quota del premorto si accrescera` a quella degli altri legatari in questo paragrafo menzionato. E` cio` in rimunerazione dei lavori servigi ed assistenzi dai medesimi prestate al testatore e di quelli che dovranno continuare a prestargli fino alla di lui morte, coll'obbligo ai detti germani Mizzi di pagare la detta ű10. Con questo pure che qualora dopo la morte del testatore morira` qualcuno dei detti legatari la sua porzione si abbia dai due superstiti ed in caso di morte due dei detti tre legatari le quote di essi due si abbiano dal superstite fra di essi tre."

(V) Illi l-kontenut ta' dan il-legat u l-kondizzjonijiet tieghu gew accettati mill-ulied kollha ta' Casimiro sive Gusman Mizzi tant illi fil-kuntratt ta' divizjoni fuq citat, dawn l-ulied kollha ippremettew illi "huma jippossjedu indivizament u

ugwalment bejniethom is-segwenti immobbli" u ghaddew biex elenkaw il-beni kolla komprizi fil-wirt ta' Casimiro sive Gusman u Maria Anna Mizzi, eccettwati l-beni inkluzi f'dan il-legat, minghajr ma ghamlu ebda riserva kwalsiasi rigward il-kondizzjonijiet ta' dan il-legat, u ghalhekk illum ma hux permess u ma hux lecitu lil hadd minn dawn l-ulied jew l-aventi kawzi jew successuri taghhom illi b'xi mod jippruvaw jimpunjaw dan il-legat u l-kondizzjonijiet tieghu;

(VI) Illi l-atturi jaqblu illi Jospeh Mizzi miet guvni, improle u intestat, mentri Annunziata Mizzi mietet xebba, improle u bis-sahha tat-testment taghha tal-25 ta' Novembru, 1960, din filwaqt illi nnominat lill-ohtha Dolores Attard bhala uzufruttwarja tal-beni taghha ma nnominatx eredi; u ghalhekk a tenur ta' l-artikolu fuq citat tat-testment ta' Casimiro sive Gusman Mizzi, il-beni imhollija b'legat ghaddew kollha in proprjeta` ghand is-superstiti Luigi Mizzi:

(VII) Illi Luigi Mizzi irregola s-successjoni tieghu bis-sahha ta' testment fl-atti tan-Nutar Giuseppi Cauchi tat-tlieta u ghoxrin ta' Jannar, 1974 (elf disa' mija erbgha u sebghin), skond liema hu "bhala werrieta universali tal-beni tieghu kollha prezenti u futuri mobili u immobili, innomina u istitwixxa lill-ohtu germana Dolora armla ta' Giorgio Attard" u ghalhekk wara mewtu Dolores Attard, il-konvenuta saret unika proprjetarja tal-beni originarjament imhollija b'legat minn missierha Casimiro sive Gusman Mizzi.

(VIII) Illi ghaldaqstant stante illi l-kumplament tal-beni kollha gia` formanti l-assi ereditarji ta' Casimiro sive Gusman Mizzi u martu Marianna gew divizi bis-sahha tal-kuntratt ta' divizjoni fuq citat, u ma fadal xejn assi x'jigu divizi, it-talbiet numri 1, 2, 3, 4, u 5 ta' l-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi;

(IX) Ghaldaqstant ukoll l-assi inkluzi fil-wirt ta' Joseph Mizzi illi ghandhom jigu divizi bejn il-kontendenti f'din il-kawza huma biss il-beni illi Joseph Mizzi kellu tieghu proprju, u dawk assenjati lilu bis-sahha tal-kuntratt ta'

divizijoni fl-atti tan-Nutar Antionio Galea tal-wiehed (1) ta' Settembru 1941 (elf disa' mija wiehed u erbghin); u mhux il-kwota ta' terz tal-beni imhollija b'legat minn missieru, u t-talbiet numri 6 u 7 ta' l-atturi jistghu jintlaqghu biss limitatament:

(X) Il-paragrafu precedenti jghodd ukoll ghall-wirt ta' Annunziata Mizzi: b'dan ukoll illi l-assi komprizi f'dan il-wirt ghandhom ikunu soggetti ghall-uzufrutt tal-konvenuta Dolores Attard ai termini tat-testment ta' Annunziata Mizzi;
(XI) Illi l-esponenti kienu u ghadhom dejjem pronti illi jersqu ghad-divizjoni tal-beni kollha illi realment hemm ghad-divizjoni, u kienu huma illi insistew illi ssir id-divizjoni, u kienu huma illi insistew illi ssir id-divizjoni ta' l-istess beni; u ghalhekk galadarba tigi akkolta l-ewwel eccezzjoni taghhom, huma ma ghandhomx jigu kundannati jhallsu ebda parti mill-ispejjez tal-gudizzju, stante illi l-istess gudizzju jirrizulta illi gie intavolat inutilment u intempestivament.

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

3. B'sentenza tagha ta' l-ghoxrin (20) ta' Ottubru, 1995, l-Ewwel Qorti:
(I) cahdet l-ewwel hames talbiet ta' l-atturi, billi l-assi tal-konjugi Casimiro u Marianna Mizzi kienu gia` gew divizi permezz tal-kuntratt ta' divizjoni ta' l-1941;

(II) u laqghet it-talbiet l-ohra kollha taghhom, u dan billi laqghet is-sitt talba u ddikjarat illi l-assi komponenti l-wirt ta' Joseph Mizzi jikkonsisti fil-beni provenjenti lilu minn din id-divizjoni, mill-art "Tal Andar" u mit-terz indiviz tal-beni legati lilu minn missieru bit-testment tal-11 ta' Settembru, 1933, u cioe` mid-dar numru hmistax (15) Triq Wied Merill, San Lawrenz, u l-kamra tad-Dwejra;

(III) laqghet is-seba' talba u qasmet dan il-wirt f'sitt porzjonijiet ugwali li ghandhom jigu assenjati kif spjegat fl-istess sentenza;

(IV) laqghet it-tmien talba u ddikjarat illi l-assi komponenti l-wirt ta' Annunziata Mizzi jikkonsisti fil-beni provenjenti

lilha mill-istess id-divizjoni, u mit-terz indiviz tal-beni legati lilha minn missierha bit-testment tal-11 ta’ Settembru, 1933, u cioe` mid-dar numru hmistax (15) Triq Wied Merill, San Lawrenz, u l-kamra tad-Dwejra; u minn sest indiviz tal-beni ta’ Joseph Mizzi illi wirtet minghandu;

(V) laqghet id-disa’ talba u qasmet il-wirt f’hames porzjonijiet ugwali li ghandhom jigu assenjati skond is-sentenza;

(VI) laqghet l-ghaxar talba u ddikjarat illi l-assi komponenti l-wirt ta’ Theresa Formosa jikkonsisti fil-beni provenjenti lilha mill-istess id-divizjoni, u minn sest indiviz tal-beni ta’ Joseph Mizzi illi wirtet minghandu; u kwint indiviz li mess lilha mill-wirt ta’ ohtha Annunziata xebba Mizzi;

(VII) laqghet il-hdax-il talba u qasmet il-wirt f’zewg porzjonijiet ugwali li ghandhom jigu assenjati skond is-sentenza bis-suddivizjonijiet mehtiega;

(VIII) cahdet it-tnax-il talba u minflok ordnat li l-proprjetajiet kollha immobbli oggett ta’ din il-kawza ghandhom jinbieghu ghall-bejgh bis-subbasta, bl-ammissjoni ta’ oblaturi estranei, u ghall-fini tal-valutazzjoni tal-fondi nominat lill-A.I.C. Emanuel Vella;

(IX) ordnat li wara li tkun saret il-licitazzjoni, ir-rikavat mill-istess bejgh ghandu jigi diviz bejn il-kontendenti skond il-kwoti stabbiliti; u

(X) ordnat li l-ispejjez tal-kawza jigu sopportati mill-kondividenti kollha bejniethom skond is-sehem spettanti lilhom;

**L-APPELL TAL-KONVENUTI**

4. Il-konvenuti hassew ruhom aggravati b’din is-sentenza u minnha interponew appell quddiem din il-Qorti kif ser jinghad.

L-aggravji tal-konvenuti in succint huma tlieta principalment, jigifieri:-

4.1 L-ewwel aggravju jirrigwarda l-interpretazzjoni tat-testment ta' Gusmano sive Casimiro Mizzi tal-hdax ta' Settembru, 1933, u ezattament it-tieni artikolu ta' dan it-testment – gia` citat fuq – illi bis-sahha tieghu, it-testatur kien halla legat lit-tlett uliedu Giuseppe, Luigi u Annunziata.

4.2 It-tieni aggravju jirrigwarda l-assi illi ghandhom jigu assenjati lil Dolores armla ta' George Attard indipendentement mill-interpretazzjoni moghtija lill-imsemmi legat, in kwantu fl-assenjazzjoni maghmula minnha, l-Ewwel Qorti injorat ghal kollox il-fatt illi Luigi Mizzi innominaha eredi universali tieghu, u ma inkludietx fl-assi jew ahjar fil-kwota da assegnare lilha l-beni inkluzi fil-wirt ta' Luigi Mizzi;

4.3 It-tielet aggravju jirrigwarda l-kap ta' l-ispejjez in kwantu ghalkemm irrizulta illi l-ewwel hames talbiet ta' l-atturi saru inutilment – appuntu ghaliex l-assi ta' Casimiro u Marianna Mizzi kienu gia` gew likwidati u divizi bil-kuntratt ta' divizjoni ta' l-1941 – l-Ewwel Qorti ordnat illi l-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha bejn il-kontendenti skond il-kwoti lilhom spettanti mill-wirtijiet in divizjoni.

## <u>KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI</u>

<u>Dwar l-ewwel aggravju: L-Intenzjoni vera tad-Decujus</u>

5. L-ewwel aggravju tal-konvenuti hu li l-Qorti ta' l-ewwel grad waslet ghal interpretazzjoni skorretta dwar l-intenzjoni vera tat-testatur Casimiro sive Gusmano Mizzi kif din giet immanifestata u redatta in iskritt fit-testment maghmul minnu fid-data tal-11 ta' Settembru 1933 in atti tan-nutar Giuseppe Camilleri u dan riferibbilment ghat-tieni Artikolu ta' dan it-testment.

It-tezi tal-konvenuti appellanti, u li maghha esprima ruhu favorevolment il-perit legali nominat mill-Qorti, hija dik "illi l-fatti kollha juru illi l-intenzjoni tieghu (i.e. tat-testatur) kienet illi jhalli l-uzufrutt ta' dawn il-beni msemmija fil-legat b'mod kumulattiv lit-tlett uliedu flimkien, u wara l-mewt ta'

l-ewwel zewg ulied predefunti, is-superstiti (fosthom), jiehu l-beni in assoluta proprjeta`." Tali kondizzjoni saret in forza ta' postilla mizjuda fl-imsemmi testment. It-testatur kien bniedem illitterat u certament ma kienx jaf l-ilsien Taljan. L-intenzjoni tieghu, jghidu l-appellanti, lanqas ma giet espressa f'termini legali ezatti u korretti min-naha tan-nutar li rrediga t-testment.

6. Ghall-kuntrarju ta' dak li gie sottomess mill-appellanti, l-atturi appellati jsostnu li ma jistax ikun hemm dubbju li Casimiro Mizzi, it-testatur, ried ihalli l-proprjeta` tad-dar fejn kien jabita lil dawk minn fost uliedu li kienu baqghu jghixu mieghu. Dan ukoll bi tpattija ghal servigi li huma kienu qeghdin jirrendulu tul hajtu.

7. Dan l-ewwel aggravju jirraprezenta effettivament il-lanjanza ewlenija tal-konvenuti li tat lok ghal din il-vertenza. Si tratta hawn ta' azzjoni ghad-divizjoni tal-beni familjari. Il-punt ikkontestat bejn il-partijiet jirreferi ghall-konsistenza ta' l-assi komprizi f'xi whud mill-ereditajiet tal-familja Mizzi u specifikament imbaghad hija ippernjata dwar interpretazzjonijiet kontrastanti li kull parti qeghda taghti lill-legat imholli minn Casimiro Mizzi fit-testment tieghu surreferit tal-11 ta' Settembru 1933.

7. Id-disposizzjoni li tat lok ghall-vertenza tirrigwarda l-fond bin-numru 15, fi Triq Wied Merill, San Lawrenz, Ghawdex, u mieghu kamra li tinsab fil-bajja tad-Dwejra fil-gzira ta' Ghawdex. It-testatur, skond testment redatt bl-ilsien Taljan, halla l-proprjeta` ta' dawn il-beni lit-tliet uliedu Giuseppe, Luigi u Annunzjata, ahwa Mizzi, u dan
"....da aversi e possedersi <u>in piena proprieta`</u> dai predetti tre germani Mizzi, in parti eguali alla morte di detto loro padre, col diritto di accrescimento tra di loro per cui in caso di premorienza al testatore di qualunque dei detti tre legatari, la quota del premorto si accrescera` a quella degli altri legatari in questo paragrafo menzionato." (sottolinear tal-Qorti)

In aggunta ma' din id-dispozizzjoni legatarja u permezz ta' postilla, it-testatur zied maggha li gej,

"Con questo pure che qualora dopo la morte del testatore morira` qualcuno dei detti legatari, la sua porzione si abbia dai due superstiti ed in caso di morte di due dei detti tre legatari, le quote di esse due si abbiano dal superstite tra di esse tre" (sottolinear tal-qorti).

8. Il-partijiet kontendenti qeghdin it-tnejn jikkoncedu li l-mod kif inhu redatt dan il-legat mhux biss huwa infelici imma huwa in parte kontradittorju. Jaqblu li legalment, kif redatt, ma jaghmilx ghal kollox sens u jinhtieglu ghalhekk li tinghatalu interpretazzjoni korretta li tkun ukoll tirrispekkja l-intenzjoni tad-decujus, jigifieri t-testatur Casimiro sive Gusmano Mizzi.

9. Trattandosi hawn, ghalhekk, ta' materja ta' interpretazzjoni, il-partijiet jaqblu wkoll li bhala *modus operandi*, il-perit gudizzjarju kien preciz u legalment korrett meta dan, wara li rrifera ghall-gurisprudenza lokali u d-dottrina legali in materja, stabbilixxa, bhala bazi, il-kriterji segwenti, jigifieri li,
i) meta l-kliem fit-testment huwa car u ma jammettix dubbji ma hemmx lok ghal ebda interpretazzjoni u wiehed jista' biss jezamina jekk dak il-provvediment mit-tifsira normali tieghu imurx kontra l-ligi jew le;

ii) meta jirrizulta dubbju dwar is-sens tal-kliem allura hemm lok ghall-interpretazzjoni sabiex wiehed jasal ghall-intenzjoni tat-testatur;

iii) fil-kaz ta' tali interpretazzjoni wiehed ghandu dejjem jassumi li l-intenzjoni tat-testatur kienet konformi mal-ligi;

iv) bhala norma wiehed ghandu jasal ghall-intenzjoni tat-testatur mill-kliem tat-testment innifsu u ma humiex ammissibli provi ohra.

10. Kemm il-perit legali, kif ukoll l-ewwel Qorti mxew fuq dawn il-kriterji pero` waslu ghal konkluzjonijiet differenti. Is-soluzzjoni proposta mill-perit legali taqbel ma' dak li qeghdin isostnu u jippretendu sal-lum il-konvenuti appellanti, filwaqt illi s-soluzzjoni li giet proposta mill-Qorti ta' l-ewwel grad u li in segwitu giet espressa fis-sentenza

mertu ta’ dan l-appell hija invece kondiviza u accettata mill-parti appellata.

11. Wara li ghamel ezami dettaljat tal-kazistika u d-dottrina legali, kemm lokali kif ukoll estera, dwar materja ta’ interpretazzjoni ta’ testment, il-perit gudizzjarju wasal ghall-konklujzjoni li t-testatur Casimiro Mizzi ma setax ihalli legat in pjena u assoluta proprjeta` lit-tlett legatarji u fl-istess waqt jiddetermina minn qabel li anke wara mewtu s-sehem tal-kolegatarji li jmutu qabel l-ahhar wiehed jakkrexxi fuq is-sehem ta’ l-ohrajn u dan sakemm is-superstiti jsir hu l-proprjetarju, uniku u assolut. Ghalhekk, skond il-perit legali, l-interpretazzjoni li ghandha tinghata f’dan il-kaz hija dik li mal-mewt ta’ ko-legatarju Joseph Mizzi, l-assi tieghu ghaddew “*ab intestato*” favur l-ahwa l-ohrajn fi kwota ta’ sest ($^{1}/_{6}$) kull wiehed u l-beni formanti oggett tal-legat ghaddew favur iz-zewg ko-legatarji l-ohra.

12. Il-Qorti ta’ l-ewwel grad ma qablitx mas-soluzzjoni illi giet finalment proposta mill-perit gudizzjarju. Skond l-ewwel Qorti l-aggunta maghmula permezz ta’ postilla fit-testment <u>*de quo*</u> da parti tat-testatur ma kienetx wahda legali. Skond dik il-Qorti, il-perit legali, u mieghu l-konvenuti, ipprova jaghti bixra ta’ legalita` ghal dak li zied it-testatur pero` l-istess relatur, skond il-Qorti, spicca biex holoq “spropozitu legali”. Dan billi, skond ma’ ssuggerixxa r-relatur u mieghu l-konvenuti, il-legat gie interpretat b’mod illi l-legatarji qeghdin jitqiesu li kellhom uzufrutt kumulattiv, b’dan li t-titlu ta’ proprjeta` eventwalment kellu jghaddi f’idejn l-ahhar superstiti fosthom.

L-unika soluzzjoni ghalhekk illi l-ewwel Qorti hasset li biha setghet taghti effett legali lil din id-disposizzjoni <u>hija fis-sens li l-beni mhollija kellhom jghaddu in pjena proprjeta` a favur il-legatarji msemmija, mal-mewt tat-testatur</u>. Fl-istess waqt, dawn il-beni kellhom pero` jibqghu suggetti ghall-uzufrutt kumulattiv ‘*vita durante*’ ta’ l-istess legatarji, biex b’hekk hadd minnhom ma seta’ jigi ddisturbat fit-tgawdija ta’ dawk il-beni. In konsegwenza ta’ din l-interpretazzjoni min-naha ta’ l-ewwel Qorti isegwi allura li, prezentement, kwalsiasi drittijiet ta’ uzufrutt li setghu

kellhom il-legatarji fuq il-beni in kwestjoni gew itterminati billi mietu lkoll.

Ghalhekk, ai termini ta’ l-ewwel parti tal-legat isegwi li dawn il-fondi fuq imsemmija ghaddew f’idejn kull wiehed mil-legatarji fi kwota ta’ terz ($^{1}/_{3}$) kull wiehed mal-mewt ta’ missierhom.

13. Il-konvenuti appellanti, kemm permezz ta’ nota estensiva bil-miktub kif ukoll permezz tar-rikors ta’ appell, ressqu argomenti u ccitaw kazistika u awturi in sostenn tat-tezi taghhom. Minn naha taghhom, l-atturi appellati ma naqsux milli huma wkoll iressqu l-argomenti taghhom sabiex jirribattu dak li gie sottomess mill-kontroparti konvenuta.

Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul dwar dak kollu li gie sottomess kemm minn naha u kemm minn ohra, hija tal-fehma li ‘*in ultima analisi*’, dak li ddeliberat u ddecidiet l-ewwel Qorti huwa gust u korrett.

Fil-fehma konsidrata ta’ din il-Qorti, l-ewwel parti tad-disposizzjoni kontestata – jigifieri l-Artiklu 2 fit-testment *de quo* – ma thalli ebda dubbju li l-intenzjoni vera u proprja tat-testatur kienet dik li jhalli z-zewg fondi msemmija, kompriza d-dar fejn hu u t-tlett legatarji kienu jghixu, in pjena proprjeta`. Huwa minnu li l-postilla saret wara li gie mmanifestat dan il-laxxitu imma jirrizulta li legalment il-kontenut ta’ dak li hemm espress f’dina l-aggjunta ma kienx jaghmel sens jekk dina tittiehed flimkien ma’ l-ewwel parti ta’ din id-disposizzjoni. Meta t-testatur istitwixxa lit-tliet uliedu li kienu jghixu mieghu bhala eventwali u futuri proprjetarji tal-fondi, ma setax fl-istess nifs jordna x’ghandu jsir mill-proprjeta` wara li hu u xi wiehed mil-legatarji jmutu. Deher sufficjentement evidenti mill-assjem tal-provi li l-intenzjoni tat-testatur kienet dik li fl-ewwel lok dawn il-beni jsiru proprjeta` tat-tlett legatarji mal-mewt tieghu, b’dana li (“con *questo pure*”) hadd mill-bqija ta’ wliedu ma jtellfu b’xi mod mit-tgawdija tal-fondi hekk imhollija qabel ma jmut l-ahhar wiehed mit-tlett legatarji. Kien proprju ghahekk li saret l-imsemmija postilla. Diversament ikun ifisser li beni li jkunu gia` gew imhollija

in pjena proprjeta` jergghu jigu rezi beni moghtija minflok in uzufrutt – li ma jaghmilx sens. It-testatur donnu ried li fl-istess waqt li hu jiddisponi li qed jaghti zewg beni lil uliedu b'legat in pjena proprjeta`, ried jikkontrolla wkoll l-eventwali trasferiment ta' l-istess titolu ta' proprjeta` fuq il-beni wara l-mewt ta' kull wiehed mil-legatarji – haga li legalment hija inkoncepibbli. Kien ghalhekk ukoll li l-ewwel Qorti rriferiet *inter alia* ghall-Artikolu 711 (1) tal-Kap. 16 illi jiddisponi li,
"(1) Il-kondizzjoni impossibbli jew kuntrarja ghal-ligi ... taghmel ma tiswiex id-disposizzjoni li fiha tkun maghmula.

(2) Il-kundizzjoni li ma tistax tiftiehem titqies bhala mhix miktuba".

Malli miet it-testatur, il-beni mhollija b'legat kif fuq inghad ghaddew in pjena proprjeta` fuq it-tlett uliedu legatarji – fi kwota ta' terz ($^1/_3$) kull wiehed u wahda minnhom. Kif ittanta mbaghad it-testatur "jingarbulja" tali laxxitu permezz ta' aggunta bl-iskop li hadd mis-superstiti minn fost il-legatarji ma jigix iddisturbat fil-godiment tal-kera ma ghandux iwassal biex ibiddel, billi jiznatura ghal kollox, tali disposizzjoni. B'daqstant m'huwiex qieghed jinghad li l-argomenti avanzati mill-appellanti huma privi minn fondament legali imma jfisser li trattandosi hawn ta' disposizzjoni infelici u kontradittorja, il-Qorti finalment trid tara, almenu sa grad ta' probabbilita`, x'kienet ezattament l-intenzjoni reali tad-'decujus'. Kif inghad supra, din il-Qorti taqbel ma dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata u dan ghaliex dak li ddispona addizzjonalment it-testatur permezz ta' postilla fl-Artikolu 2 tat-testment tieghu tal-11 ta' Settembru 1933 legalment kien iwaqqa' u jmur bil-kontra ta' dak li kien gia` ddispona dwaru fl-ewwel parti ta' l-istess Artikolu.

Ghalhekk l-ewwel aggravju ma huwiex fondat u qed jigi respint.

14. It-tieni aggravju, jekk tassew jammonta ghal daqstant, huwa li stante li Luigi Mizzi, ko-eredi, illum mejjet, halla b'eredi universali tieghu lil Dolores Attard, u din accettat l-imsemmija eredita`, allura din kellha tigi meqjusa bhala

tali. Dan kellu jgib il-konsegwenza li dawk il-beni gia` spettanti lil Luigi Mizzi kellhom jiddevolvu fuqha. B'hekk kieku wiehed kellu jaccetta illi l-interpretazzjoni korretta tad-disposizzjoni testamentarja ta' Casimiro Mizzi hija dik moghtija mill-ewwel Qorti – u fil-fatt din il-Qorti gia` ddecidiet f'dan is-sens – isegwi li s-sehem spettanti lil Luigi Mizzi huwa llum taghha.

15. In risposta, l-atturi appellati wiegbu li huma jaderixxu ghal din il-precisazzjoni korrettiva fid-decide billi huwa minnu li lil Luigi Mizzi wirtitu ohtu Dolores Attard. Fl-istess waqt pero`, u hawn il-Qorti taghtihom ragun, l-appellati jissottomettu li b'daqstant, u b'tali modifika, il-kwoti stabbiliti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ghandhom jibqghu jitqiesu bhala li huma korretti u li huma (i.e. l-appellati) m'ghandhomx ibatu spejjez rigward dana l-aggravju.

16. Il-Qorti jidhrilha li dak li l-appellanti talbu li jigi kkunsidrat u mibdul ghall-fini ta' devoluzzjoni tal-beni spettanti lil Luigi Mizzi ghal fuq l-eredi tieghu Dolores Attard ghandu jigi milqugh. Fil-fatt li gara hu li l-partijiet, minkejja li lkoll qablu li Dolores Attard tassew kienet il-werrieta ta' Luigi Mizzi, naqsu milli jesebixxu kopja tat-testment relattiv. Irregistraw ripetutatment li ma' l-atti kienu qeghdin jannettu kopja ta' dan it-testment imma dan ma kienx minnu. Ghalhekk l-appellanti ma kellhomx ragun li jikkritikaw lill-ewwel Qorti meta din, fic-cirkustanzi, iddikjarat li in assenza ta' dan id-dokument, ma setghetx taqbad u tassumi li tali wirt ezista realment. Darba li kopja ta' dan it-testment, fl-istadju ta' l-appell, giet prodotta ma hemm ebda ostakolu ghall-akkoljiment tat-talba ta' l-appellanti, fil-limiti pero` fuq delinejati. B'daqstant pero` m'ghandu jkun hemm ebda rifless fuq il-kwoti ereditarji u lanqas fuq il-kap ta' l-ispejjez. Kwantu, fl-ahharnett, ghal-lanjanza tal-konvenuti li Anthony Cauchi gie inkluz fost l-atturi f'parti mis-sentenza appellata, ghandu jinghad li tali "lapsus" jirrizulta li kien gie debitament korrett mill-ewwel Qorti kif jidher mill-verbal in data tas-16 ta' Frar 1999, liema korrezzjoni giet riportata fl-atti – hekk ara fol. 44 tal-process, para B.2.

17. It-tielet aggravju huwa dwar it-temperament li sar fil-kap ta’ l-ispejjez min-naha ta’ l-ewwel Qorti. L-appellanti jissottomettu li darba li l-ewwel hames talbiet attrici rrizultaw li saru inutilment, anzi gew respinti, kien “ikun gust u ekwu u opportun illi l-ispejjez involuti f’dawn it-talbiet jigu akkollati lill-atturi”.

Jigi nnutat li l-appellanti kienu eccepew li kwantu ghall-beni kollha appartenti lill-assi tal-konjugi Mizzi dawn kienu gew ilkoll divizi in forza ta’ kuntratt ta’ divizjoni fl-atti tan-nutar Antonio Galea ta’ l-1 ta’ Settembru 1941 (ara Dok M esebit man-nota ta’ l-eccezzjonijiet).

18. Il-Qorti hadet kont tas-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar dan l-ahhar aggravju. Osservat li fl-ispartizzjoni tal-kap ta’ l-ispejjez l-ewwel Qorti segwiet u addottat il-formula tas-soltu li generalment jimxu maghha l-Qrati fi proceduri simili, dik ta’ hlas da parti tal-kondividendi kollha skond is-sehem rispettiv ta’ kull wiehed u wahda minnhom. Issa ghalkemm din il-formula tidher li kienet dik idoneja, xorta wahda jibqa’ l-kwezit dwar jekk l-ewwel hames talbiet sarux inutilment jew le.

Wara li kkunsidrat dan il-punt, din il-Qorti jidhrilha li ma jistax jitqies jew jinghad li l-ewwel hames talbiet kienu ghal kollox superfluwi, minkejja li finalment gew “rigettati”. Fl-ewwel lok jidher li huma gew rigettati billi l-ewwel Qorti rriteniet li effetivament dawn it-talbiet kienu gia` gew konkjuzi b’att ta’ divizjoni bejn il-kontendenti. <u>Madanakollu</u>, il-kwistjoni dwar id-disposizzjoni kontenuta fl-Artikolu 2 tat-testment tal-11 ta’ Settembru 1933 kienet baqghet xorta wahda irrizolta ghaliex dwarha kien gie rregistrat nuqqas ta’ qbil li wassal ghal din il-vertenza. Minbarra dan, jirrizulta wkoll li kien ghadu mhux car ghal kollox jekk l-immissjoni fil-pussess tal-legati kenitx sehhet awtomatikament jew inkella kienx ukoll mehtieg li jsir xi att iehor formali. Dan il-punt dahal fih magistralment il-perit legali li kkonkluda li fid-dawl tal-gurisprudenza u tad-dottrina legali, l-htiega formali ghall-fini ta’ immissjoni fil-pussess tal-legat m’hijiex mehtiega <u>*ad validitatem*</u>. Maghdud kollox, din il-Qorti hija ghalhekk tal-fehma li kif gew rispartiti l-ispejjez gudizzjarji ma hemm xejn x’jinbidel

dwarhom minn kif iddecidiet l-ewwel Qorti. Ghalhekk it-tielet aggravju qieghed jigi respint.

Ghal dawn ir-ragunijiet:
Tiddeciedi billi tichad l-ewwel u t-tielet aggravju tal-konvenuti appellanti u f'dan is-sens qeghda tikkonferma s-sentenza appellata, b'dana pero` li kwantu ghat-tieni aggravju din il-Qorti qeghda tilqa' t-talba fih kontenuta fis-sens biss u limitatament ghall-fatt li Dolores Attard ghandha titqies, ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, bhala l-werrieta tal-mejjet Luigi Mizzi u kull beni li jispettaw lilu kellhom jghaddu fuqha, bla hsara pero` tal-kwoti ereditarji li jibqghu kif indikat mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

Il-kap ta' l-ispejjez ta' l-ewwel istanza jigi sopportat kif deciz mill-ewwel Qorti, dawk tat-tieni istanza jkunu unikament a kariku tal-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------